

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

*Dokument ta' sessjoni*

**A6-0197/2009**

1.4.2009

## **RAPPORT**

dwar it-talba għall-konsultazzjoni dwar l-immunità u privileġġi ta' Antonio Di  
Pietro  
(2008/2146(IMM))

Kumitat għall-Affarijiet Legali

Rapporteur: Aloyzas Sakalas

**WERREJ**

	<b>Paġna</b>
PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	3
NOTA SPJEGATTIVA .....	4
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT .....	8

## PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar it-talba għall-konsultazzjoni dwar l-immunità u privileġġi ta' Antonio Di Pietro (2008/2146(IMM))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra t-talba għall-konsultazzjoni dwar l-immunità parlamentari ta' Antonio Di Pietro, imressqa mill-awtorità kompetenti tar-Repubblika Taljana fil-15 ta' Mejju 2008, u mħabbra fis-seduta plenarja fil-5 ta' Ġunju 2008,
  - wara li sema' lil Antonio Di Pietro bi qbil mal-Artikolu 7(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 9 u 10 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej, tat-8 ta' April 1965, kif ukoll l-Artikolu 6(2) tal-Att dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'suffraġju universali dirett, tal-20 ta' Settembru 1976,
  - wara li kkunsidra s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej tat-12 ta' Mejju 1964, tal-10 ta' Lulju 1986 u tal-21 ta' Ottubru 2008<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 68(1) tal-Kostituzzjoni Taljana,
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 6(1) u 7(13) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0000/2009),
1. Jiddeċiedi li ma jneħħix l-immunità ta' Antonio Di Pietro;
  2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi minnufih din id-deċiżjoni u r-rapport tal-kumitat responsabbli lill-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika Taljana.

---

<sup>1</sup> Kawża 101/63, Wagner/Fohrmann u Krier, [1964] Ġabra 195, Kawża 149/85, Wybot/Faure u oħrajn, [1986] Ġabra 2391, u KAwżi Magħquda C-200/07 u C-201/07 Marra v De Gregorio and Clemente, li għadhom mhumiex irrapportati fil-Ġabra.

## NOTA SPJEGATTIVA

### I. FATTI

B'ittra tal-15 ta' Mejju 2008, ir-Rappreżentanza Permanenti tar-Repubblika Taljana għaddiet lill-Parlament Ewropew l-ordni tal-10 ta' april 2007 tal-Qorti Ċivili ta' Ruma fil-każ ċivili Nru 85124/2003 bejn Filippo Verde (l-attur) u Antonio Di Pietro (il-konvenut).

Fl-ordni tagħha, il-Qorti Taljana, fil-kunsiderazzjoni tal-eċċezzjoni tas-Sur Di Pietro permezz tal-oġġezzjoni tal-inammissibilità, titlob lill-Parlament Ewropew biex jieħu deċiżjoni dwar l-immunità tas-Sur Di Pietro, peress li fil-mument ikkonċernat kien membru tal-Parlament Ewropew.

Fit-12 ta' Frar 2003, il-websajt uffiċjali tal-partit politiku "Lista Di Pietro" ppubblikat artiklu tas-Sur Di Pietro li kien diġà ġie ppubblikat fil-ġurnal "Rinascita" fis-26 ta' Ottubru 2002.

F'dak l-artiklu, waqt li kkummenta dwar il-proċeduri pendenti quddiem il-Qorti ta' Milan fil-każ ta' *IMI-SIR vs. Lodo Mondadori*, is-Sur Di Pietro ddikjara li s-Sur Filippo Verde kien akkużat - flimkien ma' mħallfin oħra - b'korruzzjoni minħabba li kien ixxaħħam biex "jaġġusta" sentenza (is-sentenza inkriminanti kienet: "... Il-kawża "Lodo Mondadori" tikkonċerna sentenza mogħtija mill-Qorti ta' Ruma - dejjem taħt l-influwenza diretta jew indiretta tal-imħallfin Metta, Verde, Squillante - li ħassret id-deċiżjoni arbitrali...").

Fiċ-ċitazzjoni li bdiet il-proċedura, is-Sur Filippo Verde jiddikjara li hu qatt ma kien inkluż fil-lista tal-akkużati fil-każ Lodo Mondadori, u jakkuża lis-Sur Di Pietro li xerred informazzjoni oġġettivament falza, xi ħaġa li tammonta għar-reat kriminali tal-inġurja (li qabel kien l-Artikolu 595 tal-Kodiċi Kriminali). Fiċ-ċitazzjoni tiegħu, hu jitlob kumpens (dak li qabel kien l-Artikolu 185 tal-Kodiċi Kriminali) u indennizz (dak li qabel kien l-Artikolu 12 tal-Liġi Nru 47 tat-8 ta' Frar 1948) f'ammont totali ta' EUR 210 000.

Is-Sur Di Pietro jammetti li l-artiklu tiegħu kien fih "żball impressjonanti" kkawżat minn problema komuni ta' kkupjar ta' dokument elettroniku. Fil-fatt, is-Sur Verde qatt ma kien involut fis-smiġħ tal-kawża Lodo Mondadori; minflok kien involut fil-każ IMI-SIR, fejn kien ġie meħlus minn kull responsabilità.

Fid-difiża tiegħu, is-Sur Di Pietro jiddikjara li l-iżball tekniku/klerikali seħħ minħabba li l-mezzi tax-xandir ittrattaw dawn iż-żewġ każijiet flimkien bl-isem "IMI-SIR/Lodo Mondadori".

Is-Sur Di Pietro jkompli jargumenta li l-inklużjoni żbaljata tal-isem tas-Sur Verde fl-artiklu kkonċernat kien fi kwalunkwe każ marġinali, peress li l-artiklu kien ikkonċernat prinċipalment bl-implikazzjonijiet politiċi tal-proċeduri legali kkonċernati.

Il-konvenut jisħaq ukoll li l-artiklu kien tfassal b'tali mod biex jenfasizza li l-akkużi mressqa

mill-prosekutur kienu għad iridu jiġu vverifikati.

## **II. IL-LIĠI U KUNSIDERAZZJONIJIET ĠENERALI DWAR L-IMMUNITÀ TAL-MEMBRI TAL-PARLAMENT EWROPEW**

1. L-Artikoli 9 u 10 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej tat-8 ta' April 1965, jgħidu hekk:

### **Artikolu 9:**

*Membri tal-Parlament Ewropew m'għandhom ikunu suġġetti għal ebda forma ta' investigazzjoni, detenzjoni jew proċeduri legali, fir-rigward ta' opinjonijiet espressi jew voti mogħtija minnhom fil-qadi ta' dmirijiethom.*

### **Artikolu 10:**

*Waq t is-sessjonijiet tal-Parlament Ewropew, il-membri tiegħu, għandhom igawdu:*

*a. fit-territorju tal-Istat tagħhom stess, l-immunitajiet mogħtija lil membri tal-parlament tagħhom;*

*b. fit-territorju ta' kull Stat Membru ieħor, l-immunità minn kull tip ta' detenzjoni u minn proċeduri legali.*

*L-immunità bl-istess mod tkun tgħodd għall-Membri waqt li jkunu qed jivvjaġġaw lejn u mill-post fejn jiltaqa' l-Parlament Ewropew.*

*L-immunità ma tistax tintalab meta membru jinqabad fil-fatt ta' reat u ma tipprekludix lill-Parlament Ewropew milli jeżerċita d-dritt tiegħu li jirrinunzja għall-immunità ta' xi wieħed mill-membri tiegħu.*

2. Il-proċedura fil-Parlament Ewropew hija rregolata bl-Artikoli 6 u 7 tar-Regoli ta' Proċedura. Id-dispożizzjonijiet rilevanti jgħidu hekk:

### **Artikolu 6 - Tneħħija tal-immunità:**

*1. Fl-eżerċizzju tas-setgħat tiegħu f'dak li għandu x'jaqsam ma' privileġġi u immunitajiet, il-Parlament għandu qabel kollox iħares l-integrità tiegħu bħala assemblea leġiżlattiva demokratika u jiżgura l-indipendenza tal-Membri tiegħu fil-qadi ta' dmirijiethom.*

*(...)*

*2. Kull talba indirizzata lill-President minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru sabiex titneħħa l-immunità ta' xi Membru għandha tiġi mħabbra fil-Parlament u rriferuta lill-kumitat responsabbli.*

*(...)"*

### **Artikolu 7: Proċeduri dwar l-immunità:**

*1. Il-kumitat responsabbli għandu jikkunsidra mingħajr dewmien u skont l-ordni li fih tressqu t-talbiet għat-tneħħija tal-immunità jew it-talbiet għall-ħarsien tal-immunità u tal-privileġġi.*

*2. Il-kumitat għandu jagħmel proposta għal deċiżjoni li sempliċement tirrakkomanda*

*l-adozzjoni jew iċ-ċaħda tat-talba għat-tneħħija tal-immunità jew għall-ħarsien tal-immunità u tal-privileġġi.*

*3. Il-kumitat jista' jitlob lill-awtorità kkonċernata għal informazzjoni jew spjegazzjoni li l-kumitat iqis li hija meħtieġa sabiex ikun jista' jiffirma opinjoni dwar għandhiex l-immunità tiġi mneħħija jew imħarsa. Il-Membri kkonċernat għandu jingħata l-opportunità li jinstema'; jista' jgħib miegħu dokumenti jew evidenza bil-miktub li jħoss li huma meħtieġa. Huwa jista' jkun rappreżentat minn membru ieħor.*

*4. Jekk it-talba tfittex li tneħħi l-immunità għal iktar minn raġuni waħda, kull waħda minn dawn ir-raġunijiet tista' tkun suġġetta għal deċiżjoni separata. Ir-rapport tal-kumitat jista', bħala eċċezzjoni, jipproponi li t-tneħħija tal-immunità tapplika biss għal proċeduri ta' prosekuzzjoni u li, sakemm tingħata sentenza definittiva, il-Membri għandu jkun immuni minn kull forma ta' detenzjoni jew limitazzjoni tal-libertà jew minn kull miżura li ma thallixx iwettaq id-dmirijiet marbuta mal-mandat tiegħu.*

*(...)*

*6. F'każi li għandhom x'jaqsmu mal-ħarsien tal-immunità jew tal-privileġġi, il-kumitat għandu jiddikjara jekk iċ-ċirkustanzi jkunux jikkostitwixxu xkiel amministrattiv jew xkiel ieħor mqiegħed għall-moviment ħieles tal-Membri li jivvjaġġaw lejn jew mill-postijiet fejn jiltaqa' l-Parlament jew opinjoni espressa jew vot mitfugħ fit-tweqqif tal-mandat jew li jaqgħu fi ħdan l-Artikolu 10 tal-Protokoll dwar Privileġġi u Immunitajiet li ma jidħlux fl-ambitu tal-liġi nazzjonali, u għandu jagħmel proposta sabiex l-awtorità kkonċernata tiġi mistiedna tasal għall-konklużjonijiet meħtieġa.*

*7. Il-kumitat jista' jagħti parir motivat dwar il-kompetenza tal-awtorità in kwistjoni u dwar l-ammissibilità tat-talba, iżda fl-ebda ċirkustanza m'għandu jippronunzja ruħu dwar il-ħtija jew l-innoċenza tal-Membri, u lanqas dwar jekk l-opinjonijiet u l-atti attribwiti lilu jiġġustifikawx jew le l-prosekuzzjoni tiegħu, anke jekk, waqt li jkun qed jikkunsidra t-talba, jikseb tagħrif dettaljat tal-fatti tal-każ.*

*(...)*

*13. Kull inkjesta dwar l-ambitu tal-privileġġi jew l-immunitajiet tal-Membri li tkun saret minn awtorità kompetenti għandha tiġi indirizzata skont ir-regoli msemmija hawn fuq."*

### **III. ĠUSTIFIKAZZJONI GĦAD-DEĊIŻJONI PROPOSTA**

Is-Sur Di Pietro jargumenta li hemm rabta bejn l-attività politika tiegħu u l-artiklu kkonċernat u jitlob li jiġi applikat l-Artikolu 68(1) tal-Kostituzzjoni Taljana, li jgħid li: "Il-Membri tal-Parlament ma jistgħux jinżammu responsabbli għall-opinjonijiet espressi jew il-voti mitfugħa fil-qadi tal-funzjoni tagħhom".

Din it-talba għandha tinftiehem bħala talba għall-applikazzjoni tal-Artikolu 9 tal-Protokoll meta jitqies li s-Sur Di Pietro huwa (ex) membru tal-Parlament Ewropew u l-artiklu kkonċernat kien ippubblikat meta kien għadu membru.

Fil-fatt, fl-istqarrijiet tiegħu rrappurtati permezz taċ-ċitazzjoni mressqa mill-attur, is-Sur Di Pietro kkummenta biss dwar fatti pubbliċi.

Fid-deskrizzjoni u l-kritika ta' waħda mill-kwistjonijiet ġudizzjarji l-aktar importanti fil-ħajja politika Taljana riċenti, hu kien qiegħed jaqdi dmiru bħala Membru tal-Parlament billi jesprimi l-opinjoni tiegħu lill-kostitwenti tiegħu dwar kwistjoni ta' interess pubbliku.

Fil-qosor, is-Sur Di Pietro kien qed iwettaq dmiru bħala Membru tal-Parlament. Li wieħed jipprova jsikket Membri Parlamentari milli jesprimu l-opinjoni tagħhom dwar kwistjonijiet ta' interess u ta' tħassib pubbliku leġittimu billi jinbdeu proċeduri legali mhux aċċettabbli f'soċjetà demokratika u huwa ksur tal-Artikolu 9 tal-Protokoll, li għandu l-għan li jipproteġi l-libertà tal-espressjoni tal-Membri fil-qadi ta' dmirijietom fl-interess tal-Parlament bħala Istituzzjoni.

#### **IV. KONKLUŻJONIJIET**

**Fuq il-bażi tal-konsiderazzjonijiet imsemmija hawn fuq, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali, wara li eżamina r-raġunijiet favur u kontra d-difiża tal-immunità, jirrakkomanda li l-immunità tas-Sur Di Pietro tiġi difiża.**

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	31.3.2009
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 9 -: 0 0: 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Carlo Casini, Monica Frassoni, Giuseppe Gargani, Klaus-Heiner Lehne, Manuel Medina Ortega, Hartmut Nassauer, Aloyzas Sakalas, Francesco Enrico Speroni, Diana Wallis